MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1305/2000/1

**J.S. Zammit & Co. Ltd.**

**vs**

**Combinati Transport Services Ltd. kemm f'isimha proprio kif ukoll fil-kwalita' taghha ta' agent tas-socjeta' estera C. Vreugdenhil International Transport B.V. ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' estera u b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2001, gew kjamati fil-kawza Sea Malta Co. Ltd., The Cargo Handling Co. Ltd u l-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' attrici, kif ilha taghmel ghal diversi snin, xtrat kwantita' ta' pjanti mill-Olanda sabiex tezebihom u tbieghom mill-istand taghha fil-fiera li ggib l-isem Green Week u li din is-sena saret fit-Trade Fair Grounds in-Naxxar bejn is-sitta (6) u d-disgha (9) ta' April 2000.

Peress illi s-socjeta' attrici nkarigat lill-konvenuti, li accettaw, sabiex igorrulha dawn il-pjanti mill-Olanda ghat-Trade Fair Grounds in-Naxxar.

Peress illi l-konvenuti ghalkemm hadu pussess ta' dawn il-pjanti naqsu milli jikkonsenjawhom lis-socjeta' attrici.

Peress illi b'rizultat ta' dan in-nuqqas, is-socjeta' attrici sofriet danni kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi l-konvenuti huma unikament responsabbli ghal dawn id-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti l-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux minn din il-Qorti:-

1. Jigi ddikjarat u deciz:

(a) Illi s-socjeta' attrici sofriet danni b'rizultat tan-nuqqas tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom jikkunsenjawlha l-pjanti li ntrabtu li jgorrulha mill-Olanda ghan-Naxxar f'Malta, liema pjanti s-socjeta' attrici riedet tesebixxi u tbiegh mill-istand taghha fil-fiera li ggib l-isem Green Week u li saret fit-Trade Fair Grounds in-Naxxar bejn is-sitta u disgha ta' April 2000; u

(b) Illi s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom huma unikament responsabbli ghal dawn id-danni kollha li sofriet is-socjeta' attrici;

2. Jigu likwidati dawn id-danni li sofriet is-socjeta’ attrici, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi; u

3. Jigu kkundannati jew min minnhom sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici dik is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-5 ta’ April 2000 u tal-14 ta’ April 2000 u bl-imghax legali kontra s-socjetajiet konvenuti, r-rapprezentant ta’ liema socjetajiet fi proceduri gudizzjarji hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti** a fol. 8 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti m’humiex responsabbli ghad-danni allegati;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li d-danni allegati kienu konsegwenza ta’ agir irresponsabbli u negligenti da parti ta’ terzi, li bl-ebda mod ma jista’ jigi attribwit lejn xi wahda mis-socjetajiet konvenuti;

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ Combinati Transport Services Ltd qatt ma kienet fil-pussess tat-*trailer* OD 01 BY, dan kien dejjem taht il-kustodja u r-responsabbilta’ tal-Kontrollur tad-Dwana u l-Cargo Handling Co. Ltd;

4. Illi fir-raba’ lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ Combinati Transport Services Ltd m’hijiex agent tas-socjeta’ estera Vreugdenhil International Transport B.V;

5. Illi fil-hames lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta’ kumpens imsemmija fl-ittra ufficjali tas-socjeta’ attrici hija esagerata u nfondata;

Salve eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat **in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamata fil-kawza The Cargo Handing Company Limited** a fol. 28 tal-process fejn eccepiet:

1. Preliminarjament illi t-talbiet attrici kif diretti kontra s-socjeta’ eccipjenti huma preskritti a tenur ta’ l-Artiklu 65 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu huma diretti kontra s-socjeta’ eccipjenti, stante illi l-istess socjeta’ eccipjenti m’ghandha ebda responsabbilta’ ghall-akkadut. Ghalhekk isegwi wkoll illi hija mhiex responsabbli ghal kwalunkwe dannu soffert mis-socjeta’ attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ kjamata fil-kawza Sea Malta Co Ltd.** a fol. 32 tal-process fejn eccepiet:

Fl-ewwel lok, li s-socjeta’ kjamata in kawza Sea Malta Company Ltd. m’hijiex illegittmu kontradittur peress illi ma kellha l-ebda relazzjoni kwalsiasi mas-socjeta’ J.S. Zammit & Co. Ltd;

Fit-tieni lok, u fi kwalunkwe kaz li s-socjeta’ kjamata in kawza Sea Malta Company Ltd. agixxiet taht struzzjonijiet mis-socjeta’ Combinati Transport Services Ltd;

Fit-tielet lok, li d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-*tally sheet* rilevanti, li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

Fir-raba’ lok, il-klawsoli tal-ezoneru kontenuti fil-poloz tal-karigu kopji ta’ liema qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok B u C, ghat-tenur ta’ liema s-socjeta’ kjamata in kawza mhiex responsabbli ghad-danni reklamati;

Fl-ahhar nett, li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **in-nota t'eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Kontrollur tad-Dwana** a fol. 96 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' nterpellazzjoni tal-esponent permezz ta' protest jew ittra ufficjali fit-terminu, skond kif jipprovdi l-Artiklu 460(1) tal-Kap 12.

2. Illi preliminarjament ukoll, ic-citazzjoni promutrici mkien ma ssemmi lill-esponent u lanqas b'xi mod timplikah u ghalhekk l-esponent ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

3. Illi fil-mertu, c-citazzjoni ssemmi biss danni allegatament kagunati minn garr u skarikar ta' merkanzija u nuqqas ta' konsenja taghha. L-esponent mhux responsabbli ghall-hatt, skarikar u garr ta' merkanzija u ghalhekk ma jistax jinzamm responsabbli ghall-ebda danni f'dan il-kaz.

4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digrieti a fol 23 u 91;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawza tirrigwarda ordni mill-atturi ghall-*container* mimli pjanti li kellu jasal Malta mill-Olanda ghal Green Week bl-istruzzjonijiet li jinhatt hawn Malta izda minflok meta wasal Malta dan rega tghabba lura mimli kif kien sigillat. L-atturi qed ifittxu ghad-danni li sofrew minhabba dan in-nuqqas.

Il-Qorti ghalhekk trid tiddeciedi min kien responsabbili li l-*container* rega' ntbaghat lura kif kien meta lanqas kien ghadu nhatt.

L-atturi jghidu li huma kienu qabbdu lill konvenuti Combinati biex bhal ma kienu soltu jaghmlu jwasslulhom *container door to door*. (Dok M1). Il-konvenuti kellhom ighaddu d-dokumenti mid-Dwana u jaraw li l-*container* jasal fid-destinazzjoni tieghu. Combinati kellhom itellghu t-*trailer* l-ghada fil-ghodu li wasal, fit-Trade Fair grounds. Meta l-konvenuti l-ghada marru biex jigbru t-*trailer* mid-Dwana ma sabuhx hemm u rrizultalhom li l-*container* kien rega' gie mghobbi fuq il-vapur bhala vojt. Minhabba f'hekk l-atturi ma kienux hallsu lill Combinati ghax ix-xoghol li ma kienux ghamlu.

Il-konvenuti u l-kjamat fil-kawza kollha qed iwahhlu f'xulxin u jghidu li mhumiex responsabbili ghal dak li gara.

Mill-provi jirrizulta li t-*trailer* wasal Malta fit-3 ta' April 2000 fuq l- M.V. Maltese Falcon tas-Sea Malta. Tnizzel minn fuq il-vapur u thalla f'idejn il-Cargo Handling. It-*trailer* gie spezzjonat minn Combinati, billi dan kien *container b'temperature control*, u thalla hemm u ma harguhx billi l-atturi kienu tawhom struzzjonijiet biex it-*trailer* jinhatt l-ghada fuq il-post in-Naxxar fejn kellha ssir il-fiera. Fil-ghaxija pero' dana t-*trailer* rega tghabba mimli fuq il-Maltese Falcon u ntbaghat lura.

John Bugeja li kien General Manager tas-Sea Malta, meta dina l-kumpanija kienet ghadha topera, xehed li huma kienu gabu l-*container* partikolari fil-hin ghal fiera bil-pjan li jitbattal u jerga jmur lura fil-ghaxija. Gara li kien inbidel il-pjan mill-operatur, Combinati, u dan il-bdil ma gietx kommunikat lilhom, ghaldaqstant il-*container* kien

ibbukkjat bhala vjot fuq il-*loading list* tal-vapur u rega ttella fuq il-vapur taht l-impressjoni li l-operazzjoni ta' hatt kienet diga saret, tbattal u tqieghed hemm vjot biex jitghabba. Ix-xhud ikompli jghid li kienet prassi li Combinati jibbukkjaw il-*container* li jkun wasal filghodu biex jerga jittella filghaxija vojt fuq l-istess vapur li jkun gie bih. (Ara Dok JB a fol 170).

John Bugeja jsostni li huma ma kienux ibbukkjaw il-*container* bhala vojt ghax soltu jaghmlu hekk. Huma ma kienu ser jiehdu ebda inizzjattiva biex jibbukkjaw it-*trailer* jekk ma jkunx ircevew struzzjonijiet minghand Combinati. Hu jghid li Combinati kienu ibbukkjaw il-*container* bhal ma jaghmlu s-soltu biex imur lura vojt, imma meta nbidel il-pjan u ma jiehdux il-*container* dak in nhar, dan ma giex kommunikat lilhom u Combinati ma kkorreggewx il-*booking* ta' filghodu. Huma ghalhekk kienu taw struzzjonijiet biex il-*container* jerga jittella bhala vojt.

Jennifer Ebejer, impjegata mas-Sea Malta, tikkonferma li kienet cemplet lill Liliana Camilleri tal-Combinati u dina kienet ikkonfermatilha li kellha *containers* biex jigu *re-exported*, fosthom dak in kwistjoni. Ebejer kellha d-dettalji tal-*containers* u Camilleri kellha tikkonfermahomla b'*fax* izda dina ma waslitx. Gieli dawn il-*faxes* waslu anke wara li jkun telaq il-vapur. Ebejer ghalhekk nizzlithom fuq il-lista u ghaddiehtha lis-Sea Malta, lill Cargo Handling, lid-Dwana u lit-*tally clerk* biex jivverifika li l-*container* jittella fuq il-vapur. Flimkien ma dan il-*container* kien hemm *container* iehor, ukoll ta' Combinati, li kien tnizzel filghodu minn fuq il-vapur u kellu jerga jitghabba vojt.

Liliana Camilleri tikkonferma li kienu cemplulha tas-Sea Malta u talbuha kemm kellhom trailers biex jergghu jitghabbew lura u hi qaltilha li probabilment kien ser ikollhom wiehed pero' ma specifikatx liema. Kellha tikkomunika maghhom aktar tard izda waqfet hemm.

**Responsabilitajiet**

Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li t-*trailer operators*, il-konvenuti **Combinati** kienu responsabbili lejn l-atturi li

jwassluhom il-*container door to door* cjoe minn barra minn Malta sat-Trade Fair Grounds in-Naxxar, haga li huma m'ghamlux. Ghalhekk huma naqsu mill-inkarigu li kien gie moghti lilhom mill-atturi u fil-fatt ma thallsux. Il-Qorti thoss pero' li l-konvenuti Combinati huma responsabbili wkoll ghax ma tawhx struzzjonijiet cari lis-Sea Malta dwar x'kellu jsir mill-*container* in kwistjoni. Jidher li l-*container* kien gie ibbukkjat minnhom biex jerga jittella lura bhala vojt dak in-nhar stess li kien wasal izda meta sar il-bdil fil-pjanijiet u l-*container* kellu jibqa' hemm sa l-ghada, dana l-bdil fil-pjanijiet ma twassalx fil-hin lis-Sea Malta u nholoq id-dizgwid li nqala. Mhux verosimili li s-Sea Malta se terga tghabbi *container* fuq il-vapur minn rajha jekk ma jkollix struzzjonijiet mit *trailer operator*.

Il-Qorti pero' jidhrilha wkoll li s-**Sea Malta** hi wkoll responsabbili ghal dak li gara, billi ghalkemm skond id-dokumenti li kellha s-Sea Malta l-*container* kien immarkat bhala vojt kien jidher evidenti li l-*container* kien mimli u kien bis-sigilli intatti, haga li t-*tally clerk* u l-burdnara mqabbda mis-Sea Malta setghu facilment jaraw u jaccertaw. It-*tally clerk* li kien ghamel it-*tally* li t-*trailer* tnizzel mimli, kellu jerga jaghmel *tally* li t-*trailer* kien qed jitghabba vojt u mhux mimli. Bhala regola generali meta jittalla trailer vojt fuq vapur dana jkun bla sigilli mentri f'dana l-kaz it-trailer kien mimli u ghadu bis-sigilli.

Is-Sea Malta eccepiet li hi mhiex il-legittimu kontradittur billi ma kellha ebda relazzjoni ma' l-atturi. FIl-fatt hu veru li ma kien hemm ebda rabta kontrattwali bejn s-Sea Malta u l-atturi, izda huma kienu gew imqabbad mill-konvenuti Combinati bhala *carriers*, gew kjamat fil-kawza mill-konvenuti biex iwiegbu wkoll ghat-talbiet ta' l-atturi, u huma ma jistghux ma jwiegbux ghar-responsabilita' taghhom extra kontrattwali jekk dina tirrizulta, kif fil-fatt tirrizulta. (ara f'dan is-sens is-sentenza App Inf. PS 9/4/08 Focal Maritime vs Top Hat u l-artikolu 1031 u 1032 tal-Kap 16).

Kwantu ghall eccezzjoni dwar il-klawzola ta' ezoneru, "id-dottrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li

bihom ikun hemm dik li tissejjah '*assicurazione delle colpe proprie'*. "Paul Camilleri et -vs- Paolo Mifsud et", Appell Kummercjali, 8 ta' Marzu 1957 a Vol XLI pI p616.

Il-principju jibqa' dejjem dak li d-depozitarju ta' oggetti fdati lilu jibqa' responsabbli u jkollu allura jwiegeb ghall-hsarat jew nuqqasijiet fil-merce meta dawn jigu addebitati lilu. Kif gie osservat "*klawsola ta' ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo u l-culpa gravi, ekwiparata mad-dolo, u mill-colpa ljievi li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere*" – "Avv. Peter Borg Costanzi nomine -vs- Sullivan Maritime Limited et", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

Ghar-rigward tal-**kjamati fil-kawza** l-ohra, l-Qorti hi tal-fehma li dawn mhumiex responsabbili ghad-danni kagjonati ghal dawn ir-ragunijiet.

**Kwantu ghal Cargo Handling** jirrizulta li meta t-*trailer* tnizzel minn fuq il-vapur dana thalla fil-kustodja tal-Cargo Handling f'*area* fejn ikun hemm kemm *containers* mimlija kif ukoll vojta. Dawk li jkunu vojta generalment jithallew vicin il-vapur. Gara pero' li dak inhar stess, il-Cargo Handling regghu ircevew struzzjonijiet mis-Sea Malta li l-*container* kien vojt u kellu jerga jitghabba fuq il-vapur, u huma ghalhekk ghaddew it-*trailer* f'idejn il kuntrattur imqabbad mis-Sea Malta (il-Koperattiva tal-Burdnara) biex itellghuh fuq il-vapur. F'dak l-istadju huma ma jaghmlu ebda *checking* tal-*container* meta jerga jittella abbord.

Dwar l-eccezzjoni fuq il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 65(2) ta' l-Att dwar l-Awtorita Marittima, l-Cargo Handling ma gabet ebda prova u ma jidhrix li nsistiet fuqha. Izda ghal kull buon fini jirrizulta mid-dokumenti li l-kawza u s-sejha fil-kawza saret entro t-terminu legali. Ghalhekk dina l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Kwantu ghal Kontrollur tad-Dwana,** Mark Sammut, fizzjal tad-Dwana, xehed u kkonferma li huma qghadu fuq

id-dokument li ghaddewlhom is-Sea Malta u l-Cargo Handling, fejn kien hemm indikat li t-*trailer* kien se jittella vojt. Huma ma jaghmlux *checking* ta' kull *container* li jitghabba imma jaghmlu biss *random checks*, u dan il-*container* ma kienx wiehed minnhom. Huma mhumiex responsabbili ghall garr u skarikar ta' merkanzija u m'ghandhom ebda rabta kummercjali ma' l-atturi u l-funzjoni taghhom hi dik li jaraw li jithallas id-dazju.

Dwar l-eccezzjoni tal-Kontrollur li hu ma giex interpellat b'ittra ufficjali a terminu artikolu 460 Kap 12 il-Qorti tirrileva li kjamat fil-kawza qatt ma qajjem dina l-eccezzjoni fil-kors tal-kawza jew ittrattaha u wara dawn is-snin kollha ghanda tigi kunsidrata bhala rinunzjata, jekk qatt kellu raguni li jqajjimha.

**Danni**

Dwar it-talba ghad-danni, l-atturi ezebew id-dokumenti kollha rilevanti (Ara Dok a fol 50 sa 82), biex jiggustifikaw it-talba taghhom a fol 48 fl-ammont ta' Lm20,828.36. Huma talbu dina s-somma, li ma jidhirx li giet b'xi mod kontestata.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti u l-kjamat fil-kawza Sea Malta Co.Ltd responsabbili ndaqs bejnithom ghad-danni li sofriet s-socjeta' attrici b'rizultat tan-nuqqasijiet taghhom;
Tilliwida dawn id-danni li sofriet is-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmienja u erbghin elf hames mija u sbatax il-euro u tlett centezmi (Euro 48,517.03 ekwivalenti ghal Lm 20,828.36);
Tikkundannhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjez bin-nofs bejn il-konvenuti u s-Sea Malta u bl-imghax legali.
Il-kjamati fil-kawza Cargo Handling u Kontrollur tad-Dwana qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghal konvenuti u Sea Malta bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------